**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. ABIGAIL CRITIEN**
**B.A., Trib. Eccl. Melit., LL.M. (Family Law) (Lond), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Gabriel Micallef, Spettur Daryl Borg)**

**Vs**

**Adem Djouambi**

**Illum it-22 ta' Mejju 2023**

**Il-Qorti:**

Rat l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' **Adem Djouambi**, iben Abdlfatah u Flifla Amel, imwieled l-Alġerija fit-23 ta' Ġunju 1997 u residenti f'25, 'Ta' Tina', Triq Santa Rita, Sliema bin-numru tal-Pulizija 20B-033 talli:

1. Nhar il-15 ta' Frar 2023 għall-ħabta tat-tlieta ta' wara nofs inhar (15:00hrs) minn ġewwa l-istabbiliment 'Sunlab' li jinsab fi Triq ir-Repubblika, l-Belt Valletta u f'dawn il-gżejjer ikkommetta serq ta' nuċċali tax-xemx tal-marka 'Ray Ban', għad-detriment ta' Cynthia Ciappara u / jew persuni jew entitajiet oħra;

2. Kif ukoll talli, nhar l-4 ta' Mejju 2023 bejn nofsinhar u s-siegħa ta' wara nofsinhar (12:00hrs – 13:00hrs) minn ġewwa l-istabbiliment 'Sunlab' li jinsab fi Triq ir-Repubblika, l-Belt Valletta u f'dawn il-gżejjer ikkommetta serq ta' nuċċali tax-xemx tal-marka 'David Beckham', għad-detriment ta' Charmaine Cassar u / jew persuni jew entitajiet oħra;

3. Kif ukoll talli, nhar is-7 ta' Mejju 2023 bejn it-tmienja u kwart ta' bil-lejl u d-disa' nieqsin kwart ta' bil-lejl (20:15 hrs – 20:45 hrs) minn ġewwa l-istabbiliment San Giovanni li jinsab f'Misraħ San Ġwann l-Belt Valletta ikkommetta serq ta' basket tad-ditta 'Nike' għad-detriment ta' Rachel Deguara Kljajic u / jew persuni jew entitajiet oħra, liema serq hu aggravat bil-ħin;

4. Kif ukoll talli fil-lejl ta' bejn is-7 ta' Mejju 2023 u t-8 ta' Mejju 2023 għal ħabta ta' nofs il-lejl (00:00) minn ġewwa Triq l-Arċisqof l-Belt Valletta ikkommetta serq ta' *mobile phone* tad-ditta *iphone 11* għad-detriment ta' Anthony Cutajar u jew persuni jew entitajiet oħra, liema serq huwa aggravat bil-ħin u bil-valur;

5. Kif ukoll talli fl-istess ċirkostanzi kkommetta reat waqt li kien taħt ordni ta' *Conditional Discharge* mogħtija mill-Qorti ta' Malta, preseduta mill-Maġistrat Dr. Rachel Montebello LL.D, nhar it-22 t'April 2023, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula;

6. U aktar talli fl-istess dati, lok, ħin u ċirkustanzi, irrenda ruħu reċidiv a terminu tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali b'sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'każ ta' sejbien ta' ħtija, tikkundanna lill-akkużat għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif komtemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni senjatament:

(a) Il-Kunsens tal-Avukat Ġenerali *ai termini* tal-Artikolu 370(4) tal-Kodiċi Kriminali sabiex il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja[1];
(b) Estratt tar-reġistrazzjoni tan-Numru tal-Pulizija tal-imputat Adem Djouambi[2];
(c) Il-fedina penali tal-imputat Adem Djouambi[3];
(d) L-okkorrenza bir-referenza numru 1/POL/1494/2023 datat l-4 ta' Mejju 2023[4];
(e) L-okkorrenza bir-referenza numru 1/POL/540/2023 datat is-17 ta' Frar 2023[5];
(f) L-okkorrenza bir-referenza numru 1/POL/1545/2023 datat it-8 ta' Mejju 2023[6];
(g) L-okkorrenza bir-referenza numru 1/POL/1541/2023 datat is-7 ta' Mejju 2023[7];
(h) Sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali deċiża mill-Maġistrat Dr. Rachel Montebello fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Daryl Borg, Spettur Gabriel Micallef) vs Adem Djouambi** datata t-22 t'April 2023[8];

Rat li l-imputat iddikjara li hu ħati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu, liema ammissjoni ġiet ikkonfermata minnu stess wara li l-Qorti spjegatlu l-implikazzjonijiet legali ta' tali ammissjoni u tagħtu biżżejjed żmien biex jirrikonsidra l-posizzjoni tiegħu u jerġa' lura mill-ammissjoni tiegħu;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiża dwar il-piena;

---

[1] Ara Dok. GM1 a fol 6 tal-proċess
[2] Ara Dok. GM2 a fol 7 tal-proċess
[3] Ara Dok. GM3 a fol 8 tal-proċess
[4] Ara Dok. GM4 a fol 10 tal-proċess
[5] Ara a fol 13 tal-proċess
[6] Ara a fol 15 tal-proċess
[7] Ara a fol 18 tal-proċess
[8] Ara Dok. GM5 a fol 23 tal-proċess

Rat l-atti kollha tal-każ;

**<u>Kunsiderazzjonijiet</u>**:

L-imputat qed jiġi mixli talli:

1. Nhar il-15 ta' Frar 2023 għall-ħabta tat-tlieta ta' wara nofs inhar (15:00hrs) minn ġewwa l-istabbiliment 'Sunlab' li jinsab fi Triq ir-Repubblika, l-Belt Valletta u f'dawn il-gżejjer ikkommetta serq ta' nuċċali tax-xemx tal-marka 'Ray Ban', għad-detriment ta' Cynthia Ciappara u / jew persuni jew entitajiet oħra;

2. Kif ukoll talli, nhar l-4 ta' Mejju 2023 bejn nofsinhar u s-siegħa ta' wara nofsinhar (12:00hrs – 13:00hrs) minn ġewwa l-istabbiliment 'Sunlab' li jinsab fi Triq ir-Repubblika, l-Belt Valletta u f'dawn il-gżejjer ikkommetta serq ta' nuċċali tax-xemx tal-marka 'David Beckham', għad-detriment ta' Charmaine Cassar u / jew persuni jew entitajiet oħra;

3. Kif ukoll talli, nhar is-7 ta' Mejju 2023 bejn it-tmienja u kwart ta' bil-lejl u d-disa' nieqsin kwart ta' bil-lejl (20:15 hrs – 20:45 hrs) minn ġewwa l-istabbiliment San Giovanni li jinsab f'Misraħ San Ġwann l-Belt Valletta ikkommetta serq ta' basket tad-ditta 'Nike' għad-detriment ta' Rachel Deguara Kljajic u / jew persuni jew entitajiet oħra, liema serq hu aggravat bil-ħin;

4. Kif ukoll talli fil-lejl ta' bejn is-7 ta' Mejju 2023 u t-8 ta' Mejju 2023 għal ħabta ta' nofs il-lejl (00:00) minn ġewwa Triq l-Arċisqof l-Belt Valletta ikkommetta serq ta' *mobile phone* tad-ditta *iphone 11* għad-detriment ta' Anthony Cutajar u jew persuni jew entitajiet oħra, liema serq huwa aggravat bil-ħin u bil-valur;

5. Kif ukoll talli fl-istess ċirkostanzi kkommetta reat waqt li kien taħt ordni ta' *Conditional Discharge* mogħtija mill-Qorti ta' Malta, preseduta mill-Maġistrat Dr. Rachel Montebello LL.D, nhar it-22 t'April 2023, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula;

6. U aktar talli fl-istess dati, lok, ħin u ċirkustanzi, irrenda ruħu reċidiv a terminu tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali b'sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

L-imputat wieġeb li hu ħati tal-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu.

Fid-dawl ta' tali ammissjoni, l-Qorti tqis li l-imputat għandu jinstab ħati tal-imputazzjonijiet hekk dedotti kontrih. Dan allura jfisser li din il-Qorti, apparti li tagħti piena fuq ir-reati 'ġodda' li bihom hu mixli l-imputat permezz tal-kawża odjerna, għall-fini tal-ħames akkuża u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta (u abbażi tal-fatt li jirriżulta ċar, anke fuq l-ammissjoni tal-imputat stess li kiser il-kondizzjoni mposta fuqu *ai termini* tas-sentenza msemmija aktar 'il fuq mogħtija fil-konfront tiegħu stess nhar it-22 t'April 2023), din

il-Qorti trid tagħti sentenza wkoll fuq ir-reat oriġinali li għalih ukoll l-imputat ammetta f'dawk il-proċeduri li wasslu għall-istess sentenza li llum hija *res judicata*[9] u ċioe':

1. Talli nhar il-21 t'April 2023, għall-ħabta ta' nofsinhar u / jew fil-ħinijiet ta' qabel, ġewwa l-istabbiliment 'Luciano', Triq il-Merkanti, Belt Valletta, kkommetta serq ta' dokumenti, għad-detriment ta' Mridul Das u / jew persuni jew entitajiet oħra;

2. Talli fil-21 t'April 2023, għall-ħabta tas-siegħa ta' wara nofs inhar u / jew fil-ħinijiet ta' qabel, ġewwa l-istabbiliment 'Superdry' Triq San Żakkarija, Belt Valletta, kkometta serq ta' basket bi flus kontanti, ċwievet u numru ta' dokumenti għad-detriment ta' Charmaine Cassar u / jew persuni jew entitajiet oħra.

Għall-finijiet ta' piena tal-akkużi 'ġodda' hekk kif mixli bihom l-imputat fil-kawża odjerna, l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni tal-istess imputat fi stadju bikri tal-proċeduri iżda ħadet in konsiderazzjoni wkoll tal-fatt li l-istess imputat, ftit tal-ġranet qabel ma kkommetta wħud mir-reati li bih li hu akkużat fl-istess kawża odjerna kien għadu kif ingħata opportunita' sabiex jirregola ruħu u jaqbad it-triq tas-sewwa. Mill-qari tas-sentenza msemmija u esebita u ċioe' dik mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Daryl Borg, Spettur Gabriel Micallef) vs Adem Djouambi** datata t-22 t'April 2023[10] wieħed mill-ewwel jinduna li l-imputat ta impressjoni li ried jibda ħajja ġdida u l-Qorti tagħtu l-opportunita' biex jagħmel dan tant li lliberatu mill-akkużi miġjuba kontrih bil-kondizzjoni li jagħmilx reat ieħor matul perjodu ta' tliet (3) snin u dan b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta. Iżda tali opportunita' donnha li ma swiet xejn għaliex ftit tal-ġranet wara, l-istess imputat reġa' kkommetta numru ta' serqiet li bihom hu mixli fil-kawża odjerna u li għalihom irreġistra ammissjoni. Mhux talli hekk, talli t-tielet imputazzjoni hija aggravata bil-ħin filwaqt li r-raba' imputazzjoni hija aggravata kemm bil-ħin u kemm bil-valur.

Għaldaqstant, kwantu għall-akkużi l-'ġodda' li bihom hu mixli l-imputat fil-kawża ojderna u ċioe' l-ewwel erba' (4) imputazzjonijiet li huma żewġ akkużi ta' serq sempliċi, serq aggravat bil-ħin u serq aggravat bil-ħin u l-valur u s-sitt imputazzjoni li hi l-akkuża ta' riċediva wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 17(b), l-Artikolu 267, l-Artikolu 270, l-Artikolu 279, l-Artikolu 280, l-Artikolu 281, l-Artikolu 284, l-Artikolu 285, l-Artikolu 31(1)(b), l-Artikolu 49, l-Artikolu 50 u l-Artikolu 289 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta fost disposizzjonijiet oħra tal-Liġi, filwaqt li ssib lill-imputat, fuq ammissjoni tiegħu stess, ħati tal-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu, tikkundanna lill-imputat għal erba' (4) snin u sitt (6) xhur priġunerija effettiva.

*In oltre* kwantu għall-ħames imputazzjoni li hija relatata mal-akkuża oriġinali wkoll ta' serq li l-imputat kien ingħata l-liberta' kondizzjonata fuqha permezz tas-sentenza tat-22 t'April 2023 msemmija aktar 'il fuq, tali kondizzjoni ġiet miksura fuq ammissjoni tiegħu stess u għalhekk b'applikazzjoni tal-Artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 17(b), l-Artikolu 284, l-Artikolu 285, l-Artikolu 31(1)(b), tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta fost disposizzjonijiet oħra tal-Liġi, filwaqt li ssib lill-imputat ħati tal-istess

[9] Kif jirriżulta wkoll mid-dikjarazzjoni tal-Spetturi Daryl Borg u l-Spettur Gabriel Micallef fil-verbal tas-seduta tat-8 ta' Mejju 2023, liema dikjarazzjoni bl-ebda mod ma ġiet kontradetta mid-difiża u fil-fatt l-imputat ammetta għall-ħames imputazzjoni li hija abbinata mal-istess sentenza

[10] Ara Dok. GM5 a fol 23 tal-proċess

imputazzjoni fuq ammissjoni tiegħu stess, tikkundanna lill-istess imputat għal priġunerija effettiva ta' erba' (4) xhur.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 22(4) tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta u abbażi tal-fatt li jirriżulta ċar, anke fuq l-ammissjoni tal-imputat stess li kiser il-kondizzjoni mposta fuqu *ai termini* tas-sentenza msemmija aktar 'il fuq mogħtija fil-konfront tiegħu stess nhar it-22 t'April 2023, din il-Qorti qed ittemm tali liberazzjoni kondizzjonata.

*Stante* li ma kien hemm ebda esperti jew periti mqabbda in konnessjoni ma' din il-kawża, l-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba għall-applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti tiddikjara wkoll lill-imputat bħala immigrant projbit *ai termini* tal-Artikolu 5(2)(d) u l-Artikolu 14 tal-Kap. 217 tal-Liġijiet ta' Malta u tordna lill- Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni sabiex bil-poteri vestiti lilu bil-liġi, jassigura li l-imputat jiġi deportat minn dawn il-Gżejjer wara li jkun skonta l-piena skond din is-sentenza.

**MAĠISTRAT DR. ABIGAIL CRITIEN**
**B.A., Trib. Eccl. Melit., LL.M. (Family Law) (Lond), LL.D.**